RIŻOLUZZJONI [1]

dwar sfidi għall-futur tad-demokrazija, inkluża l-kwistjoni ta' midja ħielsa u indipendenti f'pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-UE

(2012/C 153/03)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

— wara li kkunsidrat il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidrat il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidrat l-Att Kostitwenti tal-Assemblea Parlamentari EURONEST tat-3 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidrat il-Konklużjonijiet tas-Summits tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009 fi Praga u tad-29-30 ta' Settembru 2011 f'Varsavja;

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropw tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar il-bini tad-demokrazija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE,

— wara li kkunsidrat il-Karta Ewropea dwar il-Libertà tal-Istampa tat-25 ta' Mejju 2009,

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar id-dimensjoni tal-Lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll dwar ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Azerbajġan, ir-Repubblika tal-Bjelorussja, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina,

— wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Ġholi tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea tal-25 ta' Mejju 2011 "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni",

— wara li kkunsidrat l-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa adattati fl-2010 u l-2011 u relatati ma' kwistjonijiet kostituzzjonali, il-kodiċi elettorali, il-libertajiet tal-kuxjenza u r-reliġjonijiet, il-partiti politiċi, l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, l-għaqdiet politiċi taċ-ċittadini, il-liġi dwar l-għaqda u l-manifestazzjonijiet u l-indipendenza tal-ġudikatura fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant,

— wara li kkunsidrat ir-rapporti regolari tal-Kunsill Permanenti tal-OSKE mir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja,

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar miżuri għall-promozzjoni tar-rispett tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (adottata fit-13 ta' Jannar 2010);

— wara li kkunsidrat ir-Regoli ta' Proċeduri tagħha,

A. billi d-demokrazija hija valur universali u forma ta' gvern fejn iċ-ċittadini jgawdu drittijiet ugwali biex jipparteċipaw fil-ħajja politika u aċċess ugwali għal proċessi leġiżlattivi;

B. billi d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li saret f'Varsavja fit-29-30 ta' Settembru 2011, tiddikjara li "is-Sħubija tal-Lvant hija bbażata fuq komunità ta 'valuri u prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tal-liġi" u li "pajjiżi kollha parteċipanti fis-Sħubija tal-Lvant huma impenjati lejn dawn il-valuri permezz tal-istrumenti internazzjonali rilevanti";

[1] Adottata f'Baku, l-Ażerbajġan fit-3 ta' April 2012

C. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferi għad-demokrazija bħala valur fundatur tal-Unjoni u jidentifikaha bħala komuni għall-Istati Membri tal-UE; billi dawn l-Istati Membri jikkondividu forma ta' tmexxija bbażata fuq demokrazija rappreżentattiva;

D. billi l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferi għad-dritt ta' kwalunkwe Stat Ewropew, li jirrispetta l-valuri demokratiċi tal-UE u li huwa impenjat biex jippromwovihom, biex japplika biex isir membru tal-Unjoni;

E. billi s-sistemi demokratiċi jistgħu jvarjaw fil-forma u l-għamla, li jirriflettu l-istorja, il-kulturi u ċ-ċirkostanzi differenti, iżda s-sovranità popolari, l-ugwaljanza u l-libertà, is-separazzjoni tal-poteri u l-indipendenza tal-ġudikatura, it-trasparenza u r-responsabbiltà fl-affarijiet pubbliċi huma universalment identifikati fost il-karatteristiċi bażiċi tad-demokrazija; billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma essenzjali għall-istabbiliment ta' sistemi demokratiċi li jippermettu liċ-ċittadini li jipproteġu d-drittijiet tagħhom u jgawdu l-libertajiet fundamentali;

F. billi d-demokrazija għandha tiżgura ugwaljanza quddiem il-liġi u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni; billi tirrikjedi li l-irġiel u n-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw fuq termini ugwali fil-ħajja politika u li ċ-ċittadini kollha, inklużi dawk li jappartjenu għal minoranzi jew gruppi vulnerabbli jgawdu l-istess drittijiet;

G. billi l-iskarsezza tar-responsabbiltà tal-klassi politika u tal-kapaċità tagħha li tilħaq kompromessi, instabbiltà fit-tul, flimkien ma' tkabbir u żvilupp ekonomiku limitati jistgħu jirriżultaw fi frustrazzjoni popolari pervaživa u jista' jikseb saħħa l-popoliżmu antidemokratiku;

H. billi d-demokrazija rappreżentattiva hija mwaqqfa fuq il-prinċipju ta' individwi eletti li jirrappreżentaw ir-rieda tal-poplu u tirrikjedi l-organizzazzjoni perjodika ta' elezzjonijiet kompetittivi, ħielsa u ġusti; billi l-elezzjonijiet rappreżentattivi jirrikjedu parteċipazzjoni attiva tal-votanti u parteċipazzjoni ogħla tal-votanti;

I. billi istituzzjonijiet eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji indipendenti b'poteri separati jiffurmaw il-bażi tas-sistemi demokratiċi u l-governanza; billi, skont il-prinċipji demokratiċi, il-gvernijiet u l-parlamenti f'livelli internazzjonali, nazzjonali jew sottonazzjonali huma responsabbli għat-tmexxija tal-politiki pubbliċi u l-amministrazzjoni u jagħtu trasparenza lid-deċiżjonijiet tagħhom quddiem iċ-ċittadini;

J. billi l-istituzzjonijiet parlamentari b'saħħithom huma fil-qalba tas-sistemi demokratiċi kollha ta' governanza; billi l-Parlament Ewropew qiegħed jipprovdi għajnuna milqugħa fl-offerta ta' appoġġ fil-kapaċità għall-parlamenti sħab Ewropej tal-Lvant;

K. billi f'demokrazija, id-diversità tal-partiti politiċi bil-kapaċità li jirrappreżentaw liċ-ċittadini tiżgura li jkun hemm għażliet differenti f'termini ta' politiki, ideat politiċi u programmi kif ukoll f'termini ta' kandidati għall-uffiċċji ta' istituzzjonijiet eżekuttivi u leġiżlattivi; billi l-partiti politiċi joffru u jipprovdu liċ-ċittadini l-kapaċità biex jiddiskutu l-aspirazzjonijiet u t-talbiet tas-soċjetà b'mod miftuħ u trasparenti u biex jibdluhom fi proposti ta' politika u alternattivi;

L. billi l-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni, il-libertà ta' għaqda, id-dritt tal-istabbiliment ta' partiti politiċi indipendenti, organizzazzjonijiet nongovernattivi u assoċjazzjonijiet huma elementi essenzjali tad-demokrazija; billi huwa fundamentali li jkun iggarantit li ċ-ċittadini jkunu permessi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom f'dawn l-oqsma mingħajr ma jkunu esposti għal theddid ta' kawżi jew priġunerija;

M. billi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u l-istampa huma essenzjali sabiex iċ-ċittadini jiffurmaw opinjonijiet u ġudizzji li jibbenefikaw minn varjetà ta' sorsi ta' informazzjoni; billi l-ħajja politika demokratika teħtieġ l-aċċess liberu taċ-ċittadini għall-informazzjoni, permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni li jvarjaw minn pubblikazzjoni stampata għal vetturi elettroniċi inkluż l-internet u l-midja soċjali, mingħajr ċensura, kif ukoll tiżgura ambjent affidabbli u sikur għal ġurnaliżmu investigattiv;

N. billi t-twaqqif jew l-aġġustament ta' oqfsa leġiżlattivi tal-midja b'tali mod li jipprevjenu l-formazzjoni ta' monopolji u jippromwovu l-pluraliżmu tal-midja huma sfida rikorrenti għall-istati kollha; billi oqfsa bħal dawn għandhom jistipulaw regolamenti adegwati li japplikaw għall-internet, teknoloġiji tal-komunikazzjoni elettroniċi u netwerks soċjali, li jipprovdu opportunitajiet ġodda għal żieda fl-ġharfien politiku u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja politika u għal żieda fl-interess tagħhom fl-inkarigu ċiviku;

O. billi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma distinti u mhumiex marbuta ma' strutturi statali, għandhom rwol prominenti fil-funzjonament tad-demokrazija; billi dawn huma strumentali fil-bini tal-kultura demokratika fis-soċjetà billi jinformaw liċ-ċittadini, billi jħeġġuhom jieħdu sehem fid-diskussjonijiet politiċi u billi jżommu lill-gvernijiet responsabbli għall-politiki pubbliċi;

P. billi l-iżvilupp tad-demokrazija tqajjem għadd ta' sfidi f'termini ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja u d-dibattiti politiċi, l-aċċessibbiltà miftuħa ta' korpi tat-tfassil tal-politika, inklużi parlamenti għal djalogi mas-soċjetà, u l-libertà tal-midja u l-indipendenza tagħhom mill-poteri politiċi u ekonomiċi;

Q. billi l-korruzzjoni tfixkel il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u ddgħajjef ir-responsabbiltà, il-leġittimità u l-kredibilità tat-tmexxija politika; billi l-eliminazzjoni tal-korruzzjoni hija sfida u kundizzjoni meħtieġa għad-demokratizzazzjoni għas-soċjetajiet kollha u teħtieġ l-infurzar tal-liġijiet xierqa u regoli etiċi, deontoloġiċi u tal-kondotta li japplikaw għall-ħajja politika;

R. billi r-riformi demokratiċi fis-sħab Ewropej tal-Lvant jkunu ta' benefiċċju kbir għall-kooperazzjoni u d-djalogu ma' Stati Membri tal-UE taħt is-Sħubija tal-Lvant; billi f'dan il-kuntest, ir-riformi demokratiċi bħal dawn għandhom jindirizzaw bħala prijorità l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-rispett għal u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali kif ukoll elezzjonijiet ħielsa u ġusti; billi dawn ir-riformi demokratiċi jiddependu ħafna fuq ir-rieda politika u l-intenzjonijiet politiċi differenti ta' dawk li jmexxu ta' kull pajjiż imsieħeb;

S. billi l-amministrazzjonijiet trasparenti u responsabbli pubbliċi qed jaffaċċjaw sfidi ġodda ta' organizzazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fi proċessi ta' deċiżjonijiet ta' politika disponibbli għall-aċċess, id-dibattitu u d-diskussjoni għaċ-ċittadini; billi dawn tal-aħħar għandu jkollhom l-opportunità li jirrikjedu t-talbiet tagħhom u jintroduċu l-proposti tagħhom, li għandhom jiġu kkunsidrati mill-amministrazzjoni pubblika;

T. billi hemm tendenzi lejn żieda fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar politika fil-livell internazzjonali, peress li r-risponsi politiċi għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali globali jeħtieġu li jkunu ta' natura globali; billi, fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom rwol kruċjali biex iwasslu lis-sħab kollha fil-livell globali biex jaħdmu fuq standards komuni li jikkunsidraw il-governanza demokratika;

U. billi l-edukazzjoni tal-persuni u b'mod partikolari taż-żgħażagħ fir-rigward tal-valuri demokratiċi, kif ukoll il-ħolqien ta' soċjetà ċivili huma kruċjali għall-futur tad-demokrazija, bil-ħsieb li jkunu evitati parteċipazzjonijiet baxxi ta' votanti li jwaqqgħu l-leġittimità ta' istituzzjonijiet u korpi rappreżentattivi;

L-għoti ta' prijorità lill-elementi fundamentali tad-demokrazija

1. Jemmen li l-progress dwar id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma ta' importanza kbira kemm għall-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant, u għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni tagħhom, l-integrazzjoni ekonomika u assoċjazzjoni politika;

2. Iqis li s-separazzjoni tal-poteri u bilanċ xieraq bejn l-istituzzjonijiet statali huma meħtieġa għall-istabbiltà, l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet demokratiċi, li huma l-unika garanzija biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini lejn dawn l-istituzzjonijiet;

3. Jenfasizza li l-proċessi tad-demokratizzazzjoni għandhom jagħtu prijorità lir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, l-akkwist trasparenti, is-separazzjoni tal-politika min-negozju, il-proċedura tal-qorti affidabbli u l-imparzjalità u t-trasparenza tal-elezzjonijiet;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-libertà taċ-ċittadini li joħorġu għal kariga eletta; jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tad-dritt taċ-ċittadini li jiffurmaw partiti politiċi, liberament jiddikjaraw is-sħubija tagħhom u jipparteċipaw fil-kampanji elettorali;

5. Jistieden lill-gvernijiet rispettivi biex jiżguraw li l-elezzjonijiet, b'mod partikolari l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali li jmiss fis-sħab Ewropej tal-Lvant, jaraw li jkunu ġusti, trasparenti u f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali għal elezzjonijiet demokratiċi, il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat proċess elettorali ġust fil-mixja lejn il-jiem tal-elezzjoni għan-naħat kollha li jikkompetu, inkluż l-aċċess ġust għall-midja; jitlob biex l-oqfsa u l-kodiċi elettorali nazzjonali jiġu riveduti kritikament u modifikati fejn meħtieġ; f'dan ir-rigward, jilqa' l-bidliet l-aktar riċenti magħmula lill-Kodiċi Elettorali tal-Armenja; iqis li l-osservaturi elettorali internazzjonali għandhom rwol importanti x'jaqdu fit-trawwim tal-fiduċja pubblika fil-proċessi elettorali kollha u jistieden lill-komunità internazzjonali biex tiżgura eżerċizzju ta' osservazzjoni internazzjonali tal-elezzjonijiet li għandhom isiru fis-sħab Ewropej tal-Lvant u tipprovdi evalwazzjoni oġġettiva tal-proċess elettorali kollu, ippubbliċizzati ugwalment għas-sħab kollha Ewropej tal-Lvant u bbażati fuq l-istess standards;

6. Jistieden lis-sħab Ewropej tal-Lvant sabiex jiżguraw li l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali li ġejjin, li waslu biex isiru, jaraw li jkunu ħielsa, ġusti, demokratiċi kif immexxija skont l-istandards tal-OSKE;

7. Jenfasizza li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni huma elementi kritiċi għall-progress demokratiku f'soċjetajiet miftuħa, multietniċi u multikulturali;

8. Jitlob l-infurzar, it-titjib jew l-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-ħajja politika, li jinkludu prinċipji etiċi u standards li għandhom jiġu applikati fil-korpi governattivi nazzjonali u l-parlamenti; jenfasizza li dawn tal-aħħar għandhom ikunu appoġġjati fl-isforzi tagħhom biex jilgħabu r-rwol proprju tagħhom fid-definizzjoni tal-politiki nazzjonali, iżommu lill-gvernijiet responsabbli, fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' prestazzjonijiet passati u r-riżultati miksuba; jitlob għall-istabbiliment ta' separazzjoni ċara bejn l-isferi ekonomiċi u politiċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, mhux l-inqas fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi; jenfasizza l-importanza ta' qafas leġiżlattiv ċar u dispożizzjonijiet dwar finanzjament ta' partiti politiċi u kampanji li jiggarantixxu t-trasparenza tar-regolamentazzjoni, is-superviżjoni ta' finanzjament tal-partiti politiċi u l-opportunitajiet ugwali għall-partiti politiċi kollha;

9. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tal-UE u lis-sħab Ewropej tal-Lvant biex jagħmlu impenn politiku sod għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-forom kollha tagħha u biex isaħħu u jimplimentaw b'mod effettiv leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni, peress li l-korruzzjoni mhux biss tfixkel it-tkabbir ekonomiku fit-tul u l-fiduċja taċ-ċittadini fl- iżvilupp politiku, iżda wkoll għandha impatt negattiv fuq it-tessut soċjali u l-prospetti li qed jevolvu tas-soċjetà;

10. Jitlob għat-tisħiħ tal-Programm Konġunt tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-titjib tar-riforma ġudizzjarja fis-sħab Ewropej tal-Lvant; jirrakkomanda li jiġi estiż għal taħriġ konġunt u għal attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-esperjenza bejn ġudikaturi mill-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant;

L-approfondiment tad-djalogu politiku tas-Sħubija tal-Lvant u l-kooperazzjoni għall-bini tad-demokrazija

11. Jitlob għat-tisħiħ tad-djalogu politiku bejn l-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant fuq il-kwistjonijiet ta' bini tad-demokrazija u l-implimentazzjoni tar-riformi demokratiċi; iwiegħed li jintensifika r-rwol tal-Assemblea Parlamentari EURONEST f'dan id-djalogu ma' istituzzjonijiet politiċi u partijiet interessati oħra, b'mod partikolari billi jiġu żviluppati skambji u diskussjonijiet bejn il-Membri tagħha u rappreżentanti ta' korpi governattivi, partiti parlamentari u mhux parlamentari politiċi, is-soċjetà ċivili, il-midja u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi;

12. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE li esperjenzaw tranżizzjoni minn reġimi awtoritarji għad-demokrazija biex joffru pariri lis-sħab Ewropej tal-Lvant fuq il-bażi tal-lezzjonijiet miġjuba mis-suċċessi u d-diffikultajiet li jkunu ltaqgħu magħhom matul l-aħħar għoxrin sena; jirrakkomanda li fit-tranżizzjoni tagħhom lejn demokrazija aktar sħiħa u assoċjazzjoni politika mal-UE, pajjiżi msieħba jadottaw miżuri leġiżlattivi u konkreti li jiżguraw l-aċċess taċ-ċittadini tagħhom għall-arkivji nazzjonali relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza ta' reġimi awtoritarji ta' qabel.

13. Jirrakkomanda l-bini tas-solidarjetà u t-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għas-sħab Ewropej tal-Lvant bl-implimentazzjoni ta' riformi demokratiċi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riforma tal-ġudikatura u s-sistemi tal-qorti, u li jiggarantixxu l-indipendenza, l-imparzjalità, ir-responsabbiltà u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura u l-qrati;

14. Jitlob lill-Kummisssjoni Ewropea biex tipprovdi appoġġ finanzjarju, tekniku u espert imsaħħaħ lill-amministrazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fil-programm ta' Bini ta' Istituzzjonijiet Komprensiv biex issaħħaħ l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabilità tagħhom, li huwa kruċjali sabiex il-parlamenti jkollhom rwol xieraq fil-proċessi demokratiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

15. Jirrakkomanda biex ikun appoġġjat bil-qawwa d-djalogu eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE stabbilixxiet mal-Bjelorussja u l-forom oħra ta' kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem mas-sħab Ewropej tal-Lvant l-oħra; jistieden lill-UE u s-sħab biex jipprovdu riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali għal din il-kawża;

16. Jitlob għall-istabbiliment tad-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (DED), immirata biex tappoġġja l-atturi politiċi, bħal partiti politiċi, organizzazzjonijiet nongovernattivi mhux reġistrati u trejdjunjins, li jagħmlu sforzi biex iġibu bidla demokratika; jirrakkomanda li d-DED tintuża bħala għodda indipendenti, flessibbli u esperta fis-sħab Ewropej tal-Lvant;

17. Jenfasizza li d-DED futura għandha tkun addizzjonali għal strumenti ta' appoġġ għad-demokrazija eżistenti, u b'mod partikolari la għandha tissostitwixxi u lanqas tidduplika l-attivitajiet implimentati taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

18. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi fl-Istati Membri tal-UE biex jiżviluppaw programmi ta' kooperazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom fis-sħab Ewropej tal-Lvant, u jħeġġeġ il-ġemellaġġ ta' atturi demokratiċi oħra tal-UE, bħal trejdjunjins, organizzazzjonijiet nongovernattivi, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-bdiewa u tan-nisa, korpi ta' djalogu reliġjuż u kulturali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, taż-żgħażagħ, tal-ġurnalisti u tal-għalliema, korpi tal-gvern lokali u universitajiet, ma' organizzazzjonijiet simili fis-sħab Ewropej tal-Lvant;

19. Jirrakkomanda li jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi jiżdied il-finanzjament għal pjanijiet u miżuri kontra l-korruzzjoni, u billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant fi ħdan il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO); jinkoraġġixxi lis-sħab Ewropej tal-Lvant biex jiżviluppaw strateġiji multiannwali komprensivi għal kontra l-korruzzjoni u pjanijiet ta' azzjoni b'miżuri konkreti u dati tal-iskadenza, u biex jallokaw ir-riżorsi baġitarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom;

20. Jirrakkomanda t-tisħiħ tad-djalogu bejn l-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant fuq l-aħjar prattiki dwar miżuri għall-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli u l-minoranzi mid-diskriminazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant li, filwaqt li jistabbilixxu mekkaniżmu nazzjonali taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għandhom jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji u umani biżżejjed għall-istituzzjoni li se tintgħażel sabiex twettaq il-mandat;

L-appoġġ għal-libertà tal-espressjoni u l-iżvilupp ta' midja ħielsa u indipendenti

21. Jenfasizza li, fl-Istati Membri kollha tal-UE u tas-sħab Ewropej tal-Lvant, il-midja indipendenti u ħielsa hija essenzjali għad-demokrazija u l-funzjonament tagħha, peress li din tiżgura l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-affarijiet pubbliċi u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant biex jiżguraw id-dritt fundamentali taċ-ċittadini għall-informazzjoni skont l-Artikolu 11 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali billi jagħmlu monitoraġġ u jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tal-indipendenza tal-midja u l-pluraliżmu sabiex jipprevjenu l-monopolizzazzjoni u l-interferenza mhux ġustifikata f'ċertu attivitajiet tal-midja;

23. Jiddeplora l-fatt li ħafna ġurnalisti kienu suġġetti għal atti ta' intimidazzjoni u fastidju jew vittmi ta' aggressjonijiet u attakki minħabba x-xogħol kuraġġuż u indipendenti tagħhom u jistieden lill-awtoritajiet rilevanti biex jinvestigaw bis-sħiħ dawn il-fatti u jressqu lil dawk responsabbli għall-ġustizzja;

24. Jirrakkomanda t-twaqqif jew it-titjib tal-qafas leġiżlattiv li japplika għax-xandir pubbliku u privat, skont l-istandards internazzjonali tal-OSKE; iqis li regolamenti ġodda jew emendati għandhom jimmiraw biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja, jiżguraw l-imparzjalità tal-kompetizzjonijiet ta' liċenzjar tax-xandir u l-protezzjoni tal-kontenut tal-midja tax-xandir mill-pressjonijiet politiċi u kummerċjali, speċjalment matul proċessi elettorali, jipprevjenu lin-naħat kollha li jikkompetu minn kundizzjonijiet inġusti, bl-esklużjoni ta' ċertu għażliet u restrizzjonijiet politiċi;

25. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' internet liberament aċċessibbli, li jservi għal-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja u jista' jintuża bħala għodda għall-appoġġ ta' dibattiti politiċi, inizjattivi demokratiċi u t-tixrid ta' kultura u għarfien politiku;

26. Jistieden lill-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant biex jorganizzaw programmi ta' skambju u taħriġ sabiex jipprofessjonalizzaw lill-ġurnalisti, jidentifikaw prattiċi ġurnalistiċi tajba u jippromwovu standards etiċi u professjonali tal-ġurnaliżmu, u jiżviluppaw ġurnaliżmu investigattiv; jenfasizza li l-għarfien u l-promozzjoni aħjar tas-Sħubija tal-Lvant mill-midja jtejbu b'mod sinifikanti l-fehim u s-sjieda tal-programmi ta' riforma demokratika appoġġjati u nkoraġġiti mill-UE mill-popolazzjoni tas-sħab Ewropej tal-Lvant;

Il-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi u l-interess fil-politika

27. Jistieden lill-UE, l-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant sabiex jiżguraw it-trasparenza tad-deċiżjonijiet li jfasslu l-politika billi jipprovdu lill-partijiet interessati l-informazzjoni u jinvolvuhom fid-dibattiti pubbliċi miftuħin u l-konsultazzjonijiet; jirrakkomanda biex irawmu l-interess taċ-ċittadini fid-dibattiti politiċi billi l-parlamenti u l-assemblej demokratiċi jinfetħu aktar għall-konsultazzjonijiet u l-iskambji maċ-ċittadini, b'mod partikolari jiġu involuti fid-diskussjonijiet rappreżentanti tan-nisa u ż-żgħażagħ;

28. Jistieden ukoll lill-UE, l-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant biex jippromwovu r-rwol demokratiku tal-partiti politiċi u l-movimenti billi jassumu rwol intermedjarju bejn l-istituzzjonijiet statali u ċ-ċittadini, jiffurmaw l-opinjoni pubblika, jiġbru flimkien l-interessi, u jressqu u jippermettu kompetizzjoni bejn l-għażliet politiċi differenti;

29. Jirrakkomanda aktar inkoraġġiment għall-partiti politiċi biex jiżguraw rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' irġiel u nisa fil-proċeduri tagħhom għan-nominazzjoni ta' kandidati għall-elezzjonijiet;

30. Jenfasizza li riformi demokratiċi sostenibbli jeħtieġu fehim u sjieda aħjar; għalhekk jistieden lill-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant biex jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili qabel iniedu programmi ta' riforma sabiex jiġi żgurat l-akbar appoġġ pubbliku wiesa' possibbli;

It-tisħiħ tas-soċjetà ċivili

31. Jenfasizza l-importanza ta' soċjetà ċivili qawwija, attiva u ġenwinament indipendenti li tkun attur ewlieni għall-iżvilupp tad-demokrazija; f'dan ir-rigward, jistieden lill-UE u lis-sħab Ewropej tal-Lvant biex iżidu l-assistenza teknika u finanzjarja lill-organizzazzjonijiet jew l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u biex jiżguraw it-trasparenza u l-effiċjenza ta' din l-assistenza; jitlob, barra minn hekk, għal garanziji adegwati u l-protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

32. Jenfasizza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant huwa għodda importanti ħafna għall-promozzjoni tar-rwol tas-soċjetà ċivili bħala appoġġ għad-demokrazija; jitlob involviment akbar tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili fl-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant; jirrakkomanda parteċipazzjoni akbar tad-delegati tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili fil-laqgħat bejn rappreżentanti tal-UE u tas-sħab Ewropej tal-Lvant; jagħti attenzjoni xierqa u konsiderazzjoni għall-attivitajiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum fir-rigward ta' kuntatti bejn il-persuni;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi, li jikkontribwixxu għall-vitalità ta' dibattiti pubbliċi u t-tixrid ta' informazzjoni fis-soċjetà; f'dan ir-rigward, jinsisti fuq istituzzjonijiet statali, partikolarment, il-parlamenti nazzjonali u l-gvernijiet biex jippromwovu l-interazzjoni mas-soċjetà ċivili permezz tal-organizzazzjoni ta' seduti parlamentari u konsultazzjonijiet pubbliċi;

34. Jinnota li t-tisħiħ tad-dimensjoni taż-żgħażagħ tas-Sħubija tal-Lvant huwa investiment importanti fil-futur tar-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-Politika Ewropea tal-Viċinat b'potenzjal kbir għas-snin li ġejjin, u fid-demokratizzazzjoni ta' dawk is-sħab u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom mal-istandards Ewropej;

35. Jenfasizza r-rwol sinifikanti tal-inizjattivi kollha mmirati li jtejbu l-edukazzjoni u l-ħiliet taż-żgħażagħ fil-qasam tal-proċessi demokratiċi u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili parteċipattiva; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE u s-sħab Ewropej tal-Lvant biex jorganizzaw Parlamenti taż-Żgħażagħ; jinkoraġġixxi l-UE biex tniedi programmi li jappoġġjaw dawn l-isforzi, bħall-ħolqien ta' gruppi ta' ħbiberija interparlamentarja taż-żgħażagħ bejn il-Parlament Ewropew taż-Żgħażagħ u l-parlamenti taż-żgħażagħ nazzjonali tas-sħab Ewropej tal-Lvant;

36. Jistieden lill-UE biex iżżid l-għadd ta' programmi ta' skambju għaż-żgħażagħ, peress li dan huwa l-aktar mod effiċjenti għall-promozzjoni tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' esperjenza miksuba fil-qasam tad-demokrazija parteċipattiva u l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili.

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti tagħha biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-sħab Ewropej tal-Lvant.